MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2007

Numru. 964/2002

Il-Pulizija

vs

(OMISSIS)

Il-Qorti;

Rat li l-imputat (OMISSIS) gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-5 ta' Novembru, 2000, gol-pjazza ta' Rahal Gdid, Paola u s-sitt (6) xhur qabel din id-data;

a) kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5 (1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-tielet

skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

b) Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, biegh jew offra li jbiegh droga ristretta u psikotropika (ecstasy), kontenenti, sustanza (methlenedioxyamphetamine) li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-tielet skeda, parti (a) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizazzjoni u permess bl-imsemmija ligi, sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

c) U akkuzat ukoll talli ikkommetta dawn ir-reati f'post, li je gewwa centru, u jew f'distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqghu iz-zaghzagh bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Professjoni Medika u professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas lispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali (a *folio* 3 tal-process) sabiex din il-kawza tigi gudikata mill-Qorti Kriminali. Rat li fid-debitu interrogatorju (a *folio* 9) l-imputat wiegeb li mhux hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat li fil-mori ta' din il-kawza, kif jidher a *folio* 86 tal-process, gie prezentat kontro-ordni mill-Avukat Generali ai termini ta' l-Artikolu 120A (2) tal-Kap 31 sabiex din il-kawza tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi fil-5 ta’ Novembru 2000 l-imputat odjern gie arrestat fil-pjazza ta’ Rahal il-Gdid stante li kellu fil-pussess tieghu pilloli issuspettati li kienu *ectasy*. Dawn il-pilloli fil-fatt gew elevati mill-Pulizjia u esebiti f’dawn il-proceduri (Dok. AL1 esebiti fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2002). Mir-rapport tal-espert nominat minn din il-Qorti, u cioe’ l-Ispizjar Mario Mifsud (rapport esebit a fol. 27 sa 38 tal-process) jririzulta li it-22 pillola li nstabu fil-pussess tal-imputat kien fihom sustanzi li huma kontrollati bil-ligi that it-Tielet Skeda Parti A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta. Inoltre dakinhar li sar l-arrest tal-imputat instabet fil-pussess tieghu is-somma ta’ mitejn u sebghin liri Maltin (LM 270.00).

Wara li gie arrrestat l-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet (esebiti a *folios* 4, 5 u 6 tal-process) fejn huwa ammetta li kien ghamel xi zmien ibiegh il-pilloli *ectasy* u huwa fil-fatt ta nformazzjoni lil Pulizija dwar il-persuna li huwa kien jixtri d-droga minghandha. Huwa ammetta fl-imsemmija stqarrija esebita a *folio* 4 tal-process li dakinhar kien biegh hdax il-pillola *ectasy* u li minn dan il-bejgh kien qala s-somma ta’ mija u hdax-il lira Maltin (LM 111.00).

Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni ghalhekk jirizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kellu fil-pussess tieghu droga konsitenti f’pilloli *ectasy*, liema droga ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Il-Prosekuzzjoni ghalhekk irnexxielha tipprova l-ewwel u t-tieni akkuzi migjuba minnha fil-konfronti tal-imputat sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali.

Permezz ta’ digriet tas-7 ta’ Marzu 2004, il-Qorti nnominat li Perit Richard Aqulina sabiex jaghmel pjanta tal-post fejn kienet instabet il-vettura tal-imputat u mir-rapport tal-imsemmi espert (esebit a fol. 77 sa 82 tal-process) jirrizulta li il-post fejn instabet il-vettura tal-imputat huwa anqas minn 100 metru l-boghod mill-Paola Youth Centre, mill-Ghaqda Kristu Sultan Band Club u mill-Antoine De

Paule Band Club. It-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat ghalhekk ukoll tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

Il-Qorti ghalhekk m’ghandhiex triq ohra salv li tiddikjara lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-koperazzjoni shiha u mmedjata ta’ l-imputat fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet kif jirriizulta mill-istqarrijiet minnu rilaxxjati u anki mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur waqt is-seduta tat-22 ta’ Gunju 2007 fejn huwa stqarr li l-koperazzjoni tal-imputat kienet tali li kellhom jigi applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfronti tal-istess imputat. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fedina penali netta tal-imputat, kif ukoll il-fatt li fis-seduta tat-22 ta’ Gunju 2007 il-Prosekuzzjoni iddikjarat li l-imputat ma kellux kazijiet ohra wara l-kaz odjern u l-fatt li mix-xhieda ta Vicky Scicluna, ir-rapprezentanta tas-Sedqa jirrizulta li l-imputat qabad it-triq it-tajba u rnexxielu jeghleb il-problema tal-abbuz mid-droga u qieghed jahdem u jrabbi familja, In vista ta’ dan kollu l-Qorti jidrilha li ghandha tapplika d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta Malta fil-konfronti ta’ l-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17 u 31 (1) (b) tal-Kap 9 l-Artikoli 29, 40A, 120 (A) u t-Tielet Skeda tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 3(1) ta’ l-Avviz Legali 22 tal-1985, l-Artikolu 16 ta’ l-Att V tal-1985 kif emendat l-Artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (GN 292/1939), tiddikjara li qed issib lill-imputat, hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah prigunerija ta’ sitt (6) xhur u multa ta’ mitejn Lira Maltin (LM200.00).

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni ta’ l-esebiti kollha konsistenti f’sustanzi/medicini perikoluzi u oggetti ohra relatati ma’ l-abbuz tad-droga (Dok. AL1), liema distruzzjoni ghandha ssir taht il-harsien tar-Registratur tal-Qrati Kriminali li ghandu jaghmel process verbal dwar din id-distruzzjoni.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kap 9 u tikkundanna lill-hati sabiex fi zmien xahar millum ihallas l-ispejjes kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dan il-kaz.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-ammont ta' mitejn u sebghin lira Maltin (LM270.00) liema ammont instab fil-pussess tal-imputat dakinhar li huwa gie arrestat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------